MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Numru 1204/2008

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Angelo Gafa')**

**VS**

**Domenico Furfaro**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Domenico Furfaro ta' 35 sena, bin Michele u Teresa nee' Manago', imwieled Palmi, l-Italja, fl-20 ta' April 1973 u residenti f' Palmi, l-Italja u detentur tal-karta

tal-identita' Taljana numru 2074890AA gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fin-Naxxar, fit-2 ta' Dicembru 2008, ikkommetta serq ta' sitt (6) cekkijiet tal-Bank of Valletta mahruga fuq kont bankarju numru 40015828761 bi hsara ta' Shopwise Developments Limited u l-Bank of Valletta;

Fil-Birgu, fis-6 ta' Dicembru 2008 u fil-jiem ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbluku tal-Gvern;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta gew pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b' xi att pubbliku tal-Gvern;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falza;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda, b’ mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifici foloz, jew ta’ kwalifici foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ sittax-il elf u hames mitt ewro (€ 16,500) ghad-dannu tal-Casino di Venezia.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio 13* tal-process), li ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjoni, u l-fatt li kif jirrizulta mix-xhieda ta’ Miljan Miljanic huwa hallas lura l-ammont involut lis-socjeta’ tal-parti civili.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 284, 285, 18, 167 (1), 183, 169, 184, 308, 309 u 310 (1) (a) tal-Kap 9. tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed jigu sospizi ghall-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum.

Il-Qorti tordna ukoll li ai termini tal-Artikolu 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din is-sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

Il-Qorti fissret fi kliem car lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat minn naha tieghu iddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta’ din is-sentenza u x’ jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------